MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 409/2010

**James Camilleri**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn James Camilleri fil-15 ta' Ottubru 2010, permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba ghall-hlas avvanzata mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fil-konfront tieghu bl-ittra ufficjali bin-Numru 547/10, kif ukoll kull imposizzjoni ta' multa amministrattiva kontrih, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentment tiddikjara li l-ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-istess Awtorità, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, ghaliex: (i)

ir-Rikorrenti ghandu l-ewwel qabel kollox jipprova l-allegazzjonijiet minnu avvanzati fir-Rikors promotur; (ii) fil-file taghha ma ghandha l-ebda dokument li juri li l-pjanci mertu tal-kontestazzjoni gew ritornati lilha kif allegat mir-Rikorrenti, lanqas ma ghandha dokumentazzjoni ohra li turi li l-vettura in kwistjoni qed tintuza esklussivament fuq art privata, u ghalhekk il-hlas minnha mitlub bl-ittra ufficjali mahruga kontra r-Rikorrenti huwa dovut;

Rat l-ittra ufficjali fl-ismijiet "Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. James Camilleri" datata 17 ta' Settembru 2010 bin-Numru 547/10, annessa mar-Rikors promotur u markata bhala Dok. "JC1";

Semghet ix-xhieda moghtija minn Doreen Pulis u mir-Rikorrenti waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011 u rat id-dokumenti esebiti minn Doreen Pulis u markati Dok. "DP1" u Dok. "DP2", u semghet ix-xhieda moghtija minn Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata waqt is-seduti tas-7 ta' April 2011 u tat-18 ta' Ottubru 2011;

**Ikkunsidrat:**

B'ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2010, mahruga ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Awtorità intimata interpellat lir-Rikorrenti sabiex fi zmien tletin gurnata min-notifika lilu ta' dik l-ittra, jhallasha s-somma komplessiva ta' €837.15, rapprezentanti drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LCF-981 dovuti mill-1 ta' Jannar 2003, id-data meta l-licenjza skadiet, sad-data ta' l-ittra ufficjali, u wissietu li a tenur ta' l-Artikolu 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Avviz Legali 198/09, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009 bdiet tiddekorri fil-konfront tieghu multa amministrattiva ta' €2.00 kuljum, liema multa sal-31 ta' Awissu 2010 kienet tammonta ghal €668.

Bir-Rikors in ezami pprezentat fil-15 ta' Ottubru 2010, ir-Rikorrenti joggezzjona ghall-interpellazzjoni ghall-hlas ta' l-Awtorità intimata u ghall-imposizzjoni ta' multa amministrattiva ghaliex *l-esponenti qatt ma kellu fil-*

*pussess tieghu l-pjanci ta' registrazzjoni bin-numru LCF 981 li ghalihom qed jintalab il-hlas fl-interpellazzjoni fuq imsemmija. Dawn il-pjanci inhargu fuq vettura tat-tip fork lifter li gew ritornati mal-hrug ta' l-istess lifter peress li kien intiz ghal uzu fuq art privata u qatt fuq it-triq.*

L-affermazzjoni centrali fuq liema hija bbazata l-oggezzjoni tar-Rikorrenti ghat-talba ghall-hlas u twissija ta' imposizzjoni ta' multa amministrattiva da parte ta' l-Awtorità intimate, giet ikkonfermata mill-Awtorità intimata stess tramite rapprezentant taghha Brian Farrugia li xehed waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Brian Farrugia ddikjara li minn ricerka ulterjuri dwar il-*fork lifter* mertu tal-kontestazzjoni li saret fil-mori ta' dawn il-proceduri, irrizulta li l-pjanci ta' il-*fork lifter* ma kienux inhargu mill-Awtorità intimata. Jidher illi meta l-Awtorità intimata harget il-*log book* tal-*fork lifter* in kwistjoni, li gie importat bhala *special purpose vehicle*, bi zvista ma giex indikat li l-istess *fork lifter* se jkun *garaged*, liema terminu jkopri ukoll dawk il-vetturi li ser jintuzaw f'art privata u mhux fit-triq, u b'hekk fis-sistema taghha beda, u b'effett mill-1 ta' Jannar 2003 baqa' jidher li kull sena kien dovut il-hlas tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni minn sid il-*fork lifter*, ossia r-Rikorrenti.

Malli Brian Farrugia ra hekk huwa talab l-approvazzjoni tas-superjuri tieghu sabiex id-drittijiet tal-licenza ghac-cirkolazzjoni tal-*fork lifter* in kwistjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2003 jigu *waived* fil-konfront tar-Rikorrenti. Tali approvazzjoni inharget fil-11 ta' Novembru 2010 permezz ta' nota bil-miktub u b'hekk l-Awtorità intimata rrinunzjat ghad-drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-*fork lifter* in kwistjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2003. In segwitu ghal tali rinunzja kjarament, u dan kif konfermat mill-istess Brian Farrugia, l-Awtorità intimata ma ghandhiex iktar pretensjonijiet fil-konfront tar-Rikorrenti in kwantu rigwarda l-*fork lifter* mertu tal-kontestazzjoni.

Ladarba jirrizulta b'mod car li s-sitwazzjoni li wasslet ghal dawn il-proceduri inholqot bi zball jew zvista da parte ta' l-

Awtorità intimata, necessarjament isegwi li ma ghandha tigi imposta ebda multa amministrattiva fuq ir-Rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u partikolarment fid-dawl tar-rinunzja da parte ta’ l-Awtorità intimata ghall-pretensjonijiet taghha fil-konfront tar-Rikorrenti in kwantu rigwarda l-*fork lifter* mertu tal-kontestazzjoni, il-Qorti tiddikjara li kull talba ghal hlas ta’ drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-*fork lifter* mertu ta’ din il-kontestazzjoni u kull twissija ta’ imposizzjoni ta’ multa amministrattiva avvanzata mill-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti bis-sahha ta’ l-ittra ufficjali bin-Numru 547/10, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------